

Brussell, 1 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13342/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0241 (COD)**

**AGRI 452
AGRIFIN 105
FIN 1124
CADREFIN 234
CODEC 1378
ENV 905
FORETS 78**

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet
Suġġett: Proposti tal-Politika agrikola komuni wara l-2027: arkitettura ekoloġika

L-Anness ta' din in-nota fih in-nota ta' informazzjoni tal-Presidenza u l-mistoqsijiet ta' gwida għal-laqgħa tal-Kunsill tas-27 u t-28 ta' Ottubru.

Il-Politika Agrikola Komuni wara l-2027 – Arkitettura Ekoloġika

Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-Politika Agrikola Komuni wara l-2027. Fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd tat-22 u t-23 ta' Settembru 2025, il-Presidenza infurmat lid-delegazzjonijiet li ser torganizza diskussjonijiet tematiċi dwar aspetti differenti tal-proposta fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill. L-ewwel diskussjoni, fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tas-27 u t-28 ta' Ottubru 2025, ser tkun dwar l-arkitettura ekoloġika. Is-suġġett diġà ġie diskuss fil-livell ta' esperti u fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura.

Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi diversi bidliet strutturali fl-arkitettura ekoloġika. L-ewwel nett, l-abolizzjoni tal-istruttura b'żewġ pilastru tkun tisser li sett wieħed biss ta' regoli jkun japplika għall-miżuri ekoloġiċi fil-Politika Agrikola Komuni. It-tieni, il-Kummissjoni tintroduċi sistema tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli biex tissostitwixxi s-sistema ta' kundizzjonalità. It-tielet, ġie introdott strument ta' appoġġ għid għat-tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti. Ir-raba', filwaqt li ammont minimu huwa delimitat għall-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni f'kull Stat Membru, l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu li jiddedikaw partijiet mill-fondi mhux allokatu fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom għall-agrikoltura, inkluż fondi għal miżuri ekoloġiċi. Fl-aħħar nett, tneħħiet id-delimitazzjoni ekoloġika fil-Politika Agrikola Komuni attwali. Madankollu, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi introdott mekkaniżmu ta' traċċar tal-baġit dwar il-kontribut tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali għall-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE b'oġġettiv ta' 43 fil-mija, u l-possibiltà li tintalab allokazżjoni minima fil-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ta' Stat Membru abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-progress tal-Istat Membru fil-kisba tal-miri tal-UE dwar il-klima u n-natura.

It-tranżizzjoni ekoloġika tal-agrikoltura tibqa' kruċjali biex jintlaħqu l-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE. Fl-istess ħin, it-tibdil fil-klima qed jaffettwa dejjem aktar lill-bdiewa u lis-sigurtà tal-ikel, filwaqt li jagħmel enfasi fuq il-ħtieġa għall-adattament. Il-Presidenza tissuġġerixxi li l-valutazzjoni tal-Kunsill tal-arkitettura ekoloġika tqis il-grad sa fejn il-proposta 1) tissimplifika r-regoli ekoloġiċi għall-bdiewa u l-amministrazzjonijiet, 2) tagħmel it-twertiq tat-tranżizzjoni ekoloġika aktar attraenti għall-bdiewa, u 3) tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti kemm bejn il-bdiewa kif ukoll bejn l-Istati Membri. Għal dak l-għan, din in-nota tinkludi deskrizzjoni tal-elementi ewlenin tal-arkitettura ekoloġika u żewġ mistoqsijiet gwida biex jidderieġu l-interventi tal-Ministri fil-laqgħa tal-Kunsill.

Governanza

Il-Kummissjoni tipproponi li toħroġ rakkomandazzjonijiet nazzjonali li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-kapitolu dwar l-agrikolu fil-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tiegħu. L-objettivi tar-rakkomandazzjonijiet ikunu t-tiżiħ tal-azzjoni klimatika, il-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, is-soluzzjonijiet ċirkolari, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u r-riżorsi naturali, il-biedja sostenibbli u t-titjib tal-benesseri tal-annimali. Meta jfasslu l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom, l-Istati Membri jkunu obbligati jagħtu raġunijiet xierqa, jissostanzjaw u jistabilixxu elementi li jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi kollha identifikati mill-Kummissjoni fir-rakkomandazzjonijiet tagħhom, jew subsett sinifikanti minnhom. Jekk il-Kummissjoni ssib li l-pjan jikkonforma mal-kriterji stabbiliti, hija mbagħad tipproponi deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. Ir-rimborż tan-nefqa tal-Istati Membri jkun ibbażat fuq l-issodisfar ta' stadji importanti u miri predefiniti għall-investimenti, filwaqt li, għall-interventi bbażati fuq iż-żona u l-annimali, dan ikun ibbażat fuq ir-riżultati miksuba.

Intendenza tal-Azjendi Agrikoli

Il-Kummissjoni tipproponi kunċett ġdid ta' Intendenza tal-Azjendi Agrikoli bħala sostitut għas-sistema ta' kundizzjonalità. Filwaqt li jinżammu l-kundizzjonalità soċjali u r-rekwiżit għall-bdiewa li jissodisfaw il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE (Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni), l-Istati Membri jintalbu jinkludu deskrizzjoni ta' għadd ta' Prattiki Protettivi fil-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom li l-bdiewa jridu jimplimentaw biex jirċievu l-ammont sħiħ ta' appoġġ taħt għadd ta' interventi. Dan jissostitwixxi l-kunċett ta' Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin (KAAT). L-appoġġ soġġett għas-sistema ta' Intendenza tal-Azjendi Agrikoli jitqies li jikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

L-Istati Membri jkollhom jiddefinixxu Prattiki Protettivi li jilhq u l-objettivi li ġejjin: a) il-protezzjoni ta' ħamrija b'livell għoli ta' karbonju, ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ u ta' mergħat permanenti fiż-żona agrikola; b) il-protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, il-preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, iż-żamma tal-materja organika tal-ħamrija, inkluż permezz tan-newba jew tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel, kif ukoll il-protezzjoni kontra l-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit; c) u l-protezzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma u tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u l-ilma li jiskula.

Illum, il-KAAT huma primarjament definiti fil-livell tal-UE. Għalhekk, il-proposta tintroduċi aktar flessibbiltà għall-Istati Membri biex jiżviluppaw prattiki protettivi adattati għall-kundizzjonijiet nazzjonali, kontinġenti fuq l-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali. L-Istati Membri jistgħu taħt ċerti kundizzjonijiet jistabbilixxu eżenzjonijiet u derogi speċifiċi għall-prattiki protettivi. Il-farms li huma ċertifikati organiċi jitqiesu li jikkonformaw ma' għadd ta' objettivi ta' prattiki protettivi. Azjendi żgħar ikunu eżentati wkoll mill-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli.

Hemm ukoll possibbiltà ġdida ta' ekwivalenza, li tippermetti li l-bdiewa li jidħlu fi skema ta' appoġġ aktar eżiġenti minn prattika protettiva partikolari jitqiesu konformi ma' dik il-prattika protettiva. Fl-aħħar nett, il-bdiewa jistgħu jirċievu appoġġ biex jimplementaw u jsostnu l-prattiki protettivi jekk l-Istati Membri joffru skemi volontarji ta' appoġġ ekoloġiku li jinkludu dawn il-prattiki. Il-Kummissjoni timmotiva din il-bidla bħala parti mill-bidla minn rekwiżiti għal inċentivi.

Oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi

L-Istati Membri jkollhom joffru appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin: (a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma; (b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inkluż l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-farms, inkluż i-produzzjoni tal-bijogass; (c) is-saħħa tal-ħamrija; (d) il-preservazzjoni tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi; (e) l-iżvilupp tal-biedja organika; u (f) is-saħħa u l-benesseri tal-annimali.

L-appoġġ għal dawn l-oqsma ta' prijorità jista' jieħu l-forma ta' pagamenti għal żvantaġġi li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obligatorji, azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi jew appoġġ għal investimenti għall-bdiewa u d-detenturi tal-foresti. L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati jkollhom jipprovdu wkoll appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

Pagamenti għall-iżvantaġġi li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obligatorji

Il-Kummissjoni tipproponi li tinżamm il-possibbiltà li jingħata appoġġ lill-produzzjoni agrikola f'żoni affettwati mill-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar il-ħabitats u l-Għasafar u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Bħala bidla fir-regoli attwali, il-bdiewa, id-detenturi tal-foresti u l-assoċjazzjonijiet tagħhom biss ikunu eliġibbli għal tali appoġġ.

Azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi

L-Istati Membri jkollhom jipprovdu inċentivi għal azzjonijiet li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u l-benesseri tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli. Dawn l-azzjonijiet ikunu volontarji għall-bdiewa u jistgħu jkunu annwali jew pluriennali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi l-introduzzjoni ta' tip ġdid ta' appoġġ ta' somma f'daqqa għat-tranżizzjoni lejn biedja aktar reżiljenti. Il-bdiewa jfasslu pjan ta' azzjoni ta' tranżizzjoni li huwa approvat mill-awtorità ta' ġestjoni biex jirċievu finanzjament (sa EUR 200 000) biex jimplementaw it-tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti, li jinkludu l-konverżjoni għall-biedja organika u l-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-produzzjoni tal-bhejjem. L-Istati Membri jħallsu l-appoġġ f'pagamenti parzjali matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' tranżizzjoni, bl-aħħar pagament parzjali jiddependi fuq it-tlestija tal-pjan.

Fejn il-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fid-dritt tal-UE, l-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu appoġġ għal impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u benefiċjarji oħra li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti. Din l-opzjoni tista' tħeġġeġ lill-Istati Membri jimxu 'l quddiem b'inizjattivi nazzjonali ambizzjużi filwaqt li jkollhom assigurazzjoni li l-bdiewa tagħhom ma jġugx affettwati b'mod negattiv f'termini tal-appoġġ tal-UE li jistgħu jirċievu. Dan l-element ġdid huwa inkluż ukoll fil-proposta "omnibus" tal-Kummissjoni għas-simplifikazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni ppreżentata f'Mejju 2025.

Appoġġ għall-investimenti

L-Istati Membri għandhom joffru appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa u d-detenturi tal-foresti, filwaqt li jagħmlu kontribut ġenerali xieraq għar-reżiljenza tal-agrikoltura, tas-sistemi tal-ikel, tal-forestrija u taż-żoni rurali, b'mod partikolari r-reżiljenza għall-klima u tal-ilma. L-investimenti li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika jistgħu jkunu kemm produttivi kif ukoll mhux produttivi, bir-rata ta' appoġġ għall-bdiewa u d-detenturi tal-foresti limitata għal 75 fil-mija għaż-żewġ tipi ta' investimenti, ħlief għall-bdiewa żgħażaġħ. Fejn id-dritt tal-UE jimponi rekwiżiti ġodda fuq il-bdiewa, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-investimenti li jgħinu lill-bdiewa jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti. Dan jista' jsir sa tliet snin wara li r-rekwiżit isir obbligatorju għall-farm, jew fil-każ ta' bdiewa żgħażaġħ, mill-mument tal-istabbiliment, jew sat-tlestija tal-azzjonijiet relatati fi pjan ta' direzzjoni tan-negożju.

Aspetti finanzjarji u delimitazzjoni għall-miżuri ekoloġiċi

Skont l-ammont delimitat tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, il-Kummissjoni tipproponi rata ta' kofinanzjament nazzjonali minima ta' 30 fil-mija għall-pagamenti li jsiru lill-bdiewa jew lid-detenturi tal-foresti għal żvantaġġi li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji, azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi u appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa u għad-detenturi tal-foresti. Taħt l-ammont mhux delimitat, ir-rata ta' kontribuzzjoni nazzjonali minima hija mill-inqas 15 fil-mija għar-reġjuni inqas żviluppati, 40 fil-mija għar-reġjuni fi tranżizzjoni u 60 fil-mija għar-reġjuni żviluppati. Taħt is-sistema attwali ta' żewġ pilastru, ma hemm l-ebda rata ta' kofinanzjament nazzjonali għall-ekoskemi taħt il-Pilastru I u rata ta' kofinanzjament nazzjonali minima ta' 20 fil-mija għall-miżuri ekoloġiċi taħt il-Pilastru II.

Fil-perjodu attwali, id-delimitazzjoni ekoloġika ta' 25 fil-mija fil-Pilastru I u 35 fil-mija fil-Pilastru II tapplika għal kull Stat Membru. Fil-proposta, ma hemm l-ebda delimitazzjoni ekoloġika separata għall-Politika Agrikola Komuni. 43 fil-mija tal-baġit tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali mistenni li jiġi allokati għall-oġġettivi klimatiċi u ambjentali. Madankollu, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri jikkontribwixxu allokazzjoni minima aktar baxxa jew ogħla għall-miżuri ekoloġiċi, filwaqt li jqisu l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-progress tal-Istati Membri fil-kisba tal-miri klimatiċi tagħhom għall-2030 għall-agrikoltura, it-trasport u l-bini (ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi) u fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza tipproponi l-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. Sa liema punt il-proposta tilħaq l-oġġettiv li tagħmilha aktar sempliċi u aktar attraenti għall-bdiewa biex iwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika?*
- 2. Minħabba n-nuqqas ta' delimitazzjoni ekoloġika speċifika għall-Politika Agrikola Komuni fil-proposta tal-Kummissjoni, kif jistgħu jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għall-bdiewa fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika?*